TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Marthese Camilleri

vs

Renald Scerri

CCT 88/20/MS

21 ta' April 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-17 ta' Lulju 2020 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna lill-intimat ihallasha s-somma ta' €780.00, prezz ta' sodda ordnata minghand l-intimat, liema sodda ma kenitx tal-kwalita pattwita.

Ra illi l-intimat debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh, ma dahal l-ebda risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti x-xhieda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Illi rrizulta mill-provi illi f'Ottubru 2019, ir-rikorrenti ordnat ghamara tas-sodda tal-wiehed hydraulic b'injam solid wood Tulip mingand l-intimat u hallset depizitu ta' €280.00. Is-sodda giet konsenjata fl-ahhar ta' Jannar 2020 u hemmhekk ir-rikorrenti ndunat illi s-sodda ma kenitx dik ordnata minnha. Ir-rikorrenti avzat lill-intimat bid-diskrepenza, pero' weghda li ha jbiddel is-sodda u mhux talli zamm id-depozitu izda talaba thallas il-bilanc ta' hames mitt Euro.

Ghadda z-zmien pero' r-rikorrenti ma rceviet l-ebda twegiba minghand il-mastrudaxxa u dan nonostante diversi attentati min-naha taghha biex taghmel kuntatt mieghu. F'April 2020, hija marret il-hanut u hemmhekk ftehmu li jekk l-intimat ma jlestix is-sodda fi zmien tlett gimghat, huwa jtiha flusha lura. (Ara dokumenti annessi). Ghaddew tlett gimghat, pero' r-rikorrenti baqghet bla riposta u ghalhekk regghet marret ghand il-mastrudaxxa flimkien ma uliedha f'Mejju 2020, pero' l-intimat ma kienx hemm. Sal-gurnata tal-kawza

ir-rikorrenti qatt ma rnexxielha taghmel kuntatt mal-intimat u qalet illi sa dak in-nhar, l-intimat kien ghadu ma beda xejn.

Xehdu wkoll it-tfal tar-rikorrenti. Wendy Camilleri tghid illi hi kienet prezenti meta ommha tat il-mastrudaxxa d-depozitu u d-disinn tas-sodda. Tghid li ommha rrifjutat is-sodda ghax ma kienx id-disinn li riedet hi u kkonfermat ukoll illi kienet prezenti meta l-intimat ghamilha karta fejn ikkonferma illi kien ha jaghmilha sodda ohra jew itiha flusha lura. Kurt Camilleri ikkonferma dak kollu li qalu ommu u ohtu u qal illi s-sodda baqghet ghand ommha ghaliex il-ftehim kien illi kienet ser izomm is-sodda sakemm jaghmillha sodda gdida jew itiha flusha lura.

Illi l-konvenut Renald Scerri m'ghamilx riposta u lanqas deher quddiem dan it-Tribunal meta gie interpellat biex jaghti x-xhieda tieghu. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta x-xhieda tar-rikorrenti u tat-tfal taghha, li hija verosimili u ghandha mis-sewwa. It-Tribunal ghalhekk jidhirlu illi r-rikorrenti rnexxileha tipprova il-kawza taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lil konvenut ihallasha s-somma ta' €780.00 bi dritt tal-intimat illi jiehu lura s-sodda mertu tal-kawza wara li jsir id-debitu hlas. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri Av.
Arbitru